MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2015

Numru. 157/2005

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Raymond Cassar)**

**Vs**

**George Grech**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **George Grech** ta' 54 sena, iben John u Mikelina nee' Vella, imwieled fis-Sannat (Ghawdex) fil-25 ta' Frar 1950, li joqghod fil-fond Doncliniff Court/2, Triq it-Tempesta, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru **18950G**, gie akkuzat talli:

1. Fil-15 ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofs inhar fil-fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna bhala sid u/jew kaptan ta' bastiment kummercjali u cioe' tal-MV Romantika ippermettejt li l-istess bastiment jithaddem b'mod ta' periklu ghall-hajja tan-nies jew tal-propjeta` tal-ohrajn jew li jista' jaghmel hsara lil-ambjent tal-bahar ;

2. U talli fl-istess jum, hin, lokazzjoni u cirkostanzi bhala kaptan tal-istess bastiment haddimtu b'velocita' gholja u/jew meta kont fi stat ta' sokor u/jew bi thaddim mhux kif imiss u/jew b'agir deliberat u mhux xieraq, biex jaghmel hsara lill-proprjeta ta' xi persuna ohra;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lokazzjoni u cirkostanzi bhala kaptan tal-imsemmi bastiment ma hallejtx bastiment iehor jghaddi u/jew fixkilt l-operatur ta' bastiment iehor.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 8);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda u ta` l-imputat moghtija bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar il-15 ta` Lulju 2004, certu Hubert Zarb, kaptan tal-bastiment *MARIA GEORGETTE*, kien ghaddej bl-imsemmi bastiment fil-parti ta` bejn Malta u Kemmuna, imsejjha *South Comino Channel*, madwar 200 metru 'l boghod mill-Ponta ta` l-Ahrax tal-Mellieha, meta f'daqqa wahda u minghajr ebda indikazzjoni, il-bastiment bl-isem *ROMANTICA*, misjuq mill-imputat George Grech, qasamlu u din il-mauvra setghet holqot incident.

Biex ikun jista jkun hemm procediment kriminali, giet ipprezentata *letter to prosecute* (ara *a folio* 21).

Ma giex ikkontestat li fuq iz-zewg bastimenti kien hemm il-passiggieri. Ix-xhieda principali f'dan il-kaz huma erba – Hubert Zarb, Frankie Zarb, Karen Zarb u l-imputat George Grech.

Hubert Zarb, fix-xhieda tieghu jispjega kif, waqt li kien qed jidderigi l-bastiment bl-isem *MARIA GEORGETTE*, kien ra lir-*ROMANTICA* gejja minn warajh, ra izzid fl-ispeed tant illi ra hafna duhhan tiela mic-cummnija, u malli wasal fil-Ponta ta` l-Ahrax tal-Mellieha, l-imsemmi bastiment *ROMANTICA*, ghall-gharrieda, dahallu u qasamlu. Spjega wkoll li ghamel manuvra tali sabiex ikun jista jiehu zewg ritratti tal-qaghda tal-bastimenti, liema ritratti gew esebiti f'dan il-process (ara *folio* 15). *A folio* 38 hemm ukoll esebit estratt mill-*log book*, fejn fiha x-xhud ghamel notament ta` dan l-incident.

Ix-xhud Frank Zarb (li ghandu licenzja ta` kaptan izda dakinhar kien qed isuq ibnu Hubert) jikkonferma l-fatti kif esposti minn Hubert Zarb u jaghmel enfasi fuq l-ispeed li kien ghaddej bih il-bastiment *ROMANTICA* u l-manuvra perikoluza li ghamel l-imsemmi bastiment. Ix-xhud Karen Zarb, mart Hubert Zarb, li kienet ukoll fuq il-bastiment *MARIE GEORGETTE* fil-gurnata in kwistjoni, tispjega l-manuvra perikoluza u l-ispeed tal-bastiment *ROMANTICA*. Tghid ukoll li qabel ma telqu mill-Blue Lagoon, fi triqitom lejn Malta, rat lill-imputat flimkien mal-propjetarja ta` qabel tal-bastiment *ROMANTICA*, jixorbu fuq l-istess bastiment.

Xehed ukoll b'mod dettaljat l-imputat George Grech (ara *folio* 61 *et seq*). Ma jikkontestax li dakinhar ta` l-allegat incident hu kien bil-bastiment *ROMANTICA*, u li kienu ghadhom kif

telqu mill-Blue Lagoon. Il-verzjoni ta` l-imputat hija rakkont ta` kif, fil-fehema tieghu, bil-manuvri li ghamel Hubert Zarb, meta kien qed jidderigi l-bastiment *MARIE GEORGETTE*, l-istess Hubert Zarb ipprova 'jittrikkjah'. L-imputat jispjega li hu qaghad attent biex ma jaqax fin-nassa u di fatti, fil-fehema tieghu, ma kien hemm ebda incident. Jichad li kiser xi regolamenti u jghid li effettivament kien Hubert Zarb li kiser ir-regolamenti dakinhar.

Hadd ma kkontesta l-fatt illi bejn il-protagonisti f'dan il-kaz kien hemm forma ta` pika rizultanti minn natura kompetittiva tan-negozju identiku gestit minnhom it-tnejn – il-garr tat-turisti bid-dghajjes.

Il-Qorti thoss li ghandha tippuntwalizza li l-imputat kien xehed fit-8 ta` Mejju 2006. U kien iddikjara li ma kellux provi aktar xi jressaq propju fis-seduta tat-12 ta` Jannar 2007. Jidher li f'dan il-kaz inhela l-hin ghal xejn.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn dak prodott f'dawn l-atti jista legittimament jigi konkluz illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha skond il-ligi. Ic-cahda u l-verzjoni moghtija mill-imputat ma kienitx bizzejjed biex ixxejjen il-verzjoni mressqa mill-prosekuzzjoni. Irrizulta sodisfacentement illi fid-data, lok u hin in kwistjoni, l-imputat, li kien il-kaptan li qed jimmanuvra l-bastiment *ROMANTICA*, haddem l-istess bastiment b'velocita` gholja u ghamel manuvra li biha mhux biss fixxkel lill-bastiment l-iehor bl-isem *MARIE GEORGETTE*, izda kienet ukoll ta` perikolu fit-termini tal-ligi.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat il-L.S.499.23 regolamenti 43(1), 43(2) u 44(1)(2), u 66(1), u l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9, issib lill-imputat hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena tal-multa fis-somma komplessiva ta` tmien mitt Euro (€800).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------